**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju 2021**

**Rikors nru: 143/2015 AGV**

**AB f'isimha *proprio* u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri C u D ahwa B**

**vs**

**EF Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat dan li gej:-**

1. Illi fl-10 ta’ Gunju 2002 lill-attrici tweldilha it-tifel bl-isem ta’ C hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dok. DS 1** filwaqt illi fis-6 ta’ Marzu 2007 lill-attrici tweldilha tifel iehor bl-isem ta’ D hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dok. DS 2;**

2. **ILLI** skond l-istess certifikati tat-twelid **Dok DS 1 u DS 2** it-tfal C u D gew inskritti bhala wlied l-attrici u ta’ missier mhux maghruf (unknown father);

3. **ILLI** kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza l-konvenut EF huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C u D in kwantu gew koncepiti minnu mir-relazzjoni li l-istess konvenut kellu mal-attrici omm l-istess minuri;

4. **ILLI** skond il-ligi l-konvenut bhala missier il-minuri C u D ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, l-istess tfal minuri;

5. **ILLI** l-konvenut mhux qed ihallas manteniment ghall-istess minuri;

6. **ILLI** l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jirrikonoxxi lill-uliedu fil-bidu kien se jersaq ghal kuntratt relattiv tant li gie redatt anke abbozz ta’ rikonoxximent, izda umbaghad baqa ma resaqx ghall-publikazzjoni tal-

istess, oltre li mhux qed ihallas manteniment u ghalhekk huwa inadempjenti;

7. **ILLI** ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Ighid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:-

1. **TIDDIKJARA u TIDDECIEDI** li l-konvenut EF huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tfal minuri D u E;

2. Konsegwentement **TORDNA** li l-Att tat-Twelid tal-istess tfal minuri C u D, **Dok DS 1 u DS 2** jigu korretti fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" u sostitwiti bil-kliem "EF" u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess EF;

3. **TIDDIKJARA** ukoll illi l-konvenut EF bhala missier il-minuri C u D ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess tfal minuri tieghu, u dana b'effett mid-data tat-twelid taghhom.

4. **TILLIKWIDA**, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut EF lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri C u D inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li **TISTABILIXXI** wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat l-istess manteniment.

5. **TORDNA u TIKKUNDANNA** lill-konvenut EF sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u **TORDNA** illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew dhul jew assistenza socjali tal-konvenut EF.

**BL-ISPEJJES KONTRA** l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' EF datata 22 ta' Settembru 2015 fejn espona bir-rispett u kkonferma**:-

1. Illi inkwantu jirrigwarda t-tielet, ir-raba' u l-hames paragrafu, tar-rikors promutur, dawn huma proceduralmemt insostenibbli, peress li ritwalment ma giex segwit dak li jiddispondi l-avviz legali dwar il-htiega ta' medjazzjoni antecedentament ghall-pretensjonijiet kif dedotti u kwindi ghandhom jigu rigettati. Illi di piu' tali talbiet ukoll ma jistghux jintlaqghu peress li l-imsemmija AB la ghandha u lanqas ma hi titlob l-kura u kustodja, tal-imsemmija tfal.

2. Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel, u tieni talba, l-esponent jirrimetti ruhu ghal-provi fil-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u dati ma non concesso li ma tkunx akkolta l-ewwel eccezzjoni l-esponenti jwiegeb illi:-

1. In kwantu jirrigwarda t-tielet talba huwa dispost li jmanti u jeduka lil-minuri purche fil-limiti ragonevoli ta' dak li jinkassa bhala impjieg. Filwaqt li l-imsmemija AB li llum ghandha relazzjoni ma' certa G, ukoll u similment tikkontribiwixxi ghall-bzonnijiet tal-minuri.

2. Illi l-esponenti dejjem pprovda ghall-manteniment taz-zewg minuri ghalhekk ma jistax jifhem ghaliex dan qed jintalab mit-twelid. Illi kif ser ikun pruvat fil-kors tal-kawza, u kif diga' inghad dejjem provda manteniment adegwat u li dejjem gie accettat mil-imsemmija A minghajr protesti, sakemm kienu flimkien. Izda ukoll tali talba hija legalment insostenibbli fic-cirkostanzi u ghalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi in kwantu, jirrigwarda l-modalitajiet u b' mod partikolari l-awment perjodikali tal-manteniment, dan ghandu jithallas fid-diskrezzjoni tal-Qorti fid-dawl tal-prassi, li diga' tezisti bejn il-partijiet, ta' kif kien jithallas dan il-manteniment. Izda in kwantu ghall-awment tal-manteniment dan ghandu jkun skont l-indici anness mal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u kull perjodu ta' sentejn u li jittiehed kont ukoll tal-awment fl-introjtu tal-imsemmija AB.

4. Illi in kwantu, jirrigwarda il-kontribuzzjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha taz-zewg minuri, hu lest jerfa' responsabbilitajiet tieghu, purche' fil-parametri ta' dak li huwa ragonevoli. Kwantu jirrigwarda dan ghandi jirreferi biss ghall-edukazzjoni moghtija mill-Gvern u taghlim kurrikulari biss u mhux extra kurrikulari, u dan fid-dawl tal-introjtu modest biex ma nghidux mizeru tal-esponent. Fi kwalunkwe kaz, kwalunkwe nefqa kemm edukattiva u dik ta' sahha

ghandha tkun sopportata minn ricevuti sodisfacjenti u skont il-ligi, ta' kull infiq inkors.

5. Illi fl-ahhar nett, il-Qorti ghandha ukoll tipprovdi ghad-drittijiet tal-esponenti kwantu jirrigwarda access. Ghalhekk, fis-sentenza taghha ghandha ukoll tipprovdi ghal access adegwat tal-esponenti ghaz-zewg minuri, billi tipprovdi dwar hinijiet, granet, sleepover u lok ta' kif dan l-access ghandu jkun ezercitat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li l-konvenut ipprezenta eccezzjoni ulterjuri fejn eccepixxa s-segwenti:-

Illi in kwantu ghat-talba ta' manteniment arretrat, u fi kwalunkwe kaz, it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(b) u 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza in parte fejn dina l-Qorti ddecidiet fis-7 ta' Dicembru, 2017 l-ewwel tlett talbiet attrici.[1]

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Appell deciz fis-7 ta' Frar, 2019.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi mressqa mill-partijiet.

---

[1] Ara fol. 393 tal-process.

**FATTI**

1. Ghoxrin sena ilu **l-attrici** kienet bdiet tohrog mal-konvenut EF Dak iz-zmien kienet *single parent* ghaliex kellha tarbija ta' sena u nofs HB. Wara tlett snin li kienet ilha mal-konvenut kellhom l-ewwel tarbija CB li twieled fl-10 ta' Gunju, 2002 u llum huwa maggorenni. Meta twieled, il-konvenut irrifjuta li jirregistrah fuq ismu u dan peress li pprefera jibqa' jircievi l-assistenza socjali u ried jixtri post bil-flus li kien ihallas bhala manteniment. Fil-fatt kien xtara dar antika bl-indirizz 251, Triq San Gajtanu, Hamrun.

   Kien anke zamm il-flus li kien ircieva t-tifel ghall-maghmudija u dawn kienu jammontaw ghal cirka Lm800 u kien ghamilhom f'kont bankarju f'ismu biex ikollu flus biex ilesti l-post. Dak iz-zmien ukoll kien ha c-Civic Club, il-Hamrun bl-ghan li jkun jista' jaghmel izjed flus biex jingabru bhala familja wahda u kienet damet xi sentejn tghinu fil-hanut.

   Sakemm it-tifel kellu hames snin lanqas qatt ma taha ghajnuna finanzjarja u mbaghad kienet harget tqila bit-tieni tarbija DB u ghal darb'ohra ma riedx jirrikonoxxi lit-tifel u lanqas ma ried jikkontribwixxi ghall-manteniment taghhom ghax ried jirranga l-post u rega' ha l-flus li rcieva t-tifel fil-maghmudija.

   Meta dahlu fil-post f'Awissu, 2009, l-konvenut spicca ghamel sena ma setax jahdem peress li kellu incident u kienet l-attrici li kellha tiehu hsieb li tmantni lill-familja, flimkien mal-familjari taghha.  In kontro-ezami, l-attrici tghid li mill-paga li kien jircievi l-konvenut li kienu cirka €800 kien ighaddi €100 fil-gimgha lill-attrici u tikkonferma ukoll li kien ihallas ukoll id-dawl u l-ilma, televixin, internet, telefon u l-loan tad-dar. Gieli hallas

ghall-futbol tat-tfal, izda hi kienet tghin ukoll bir-relief li kienet taqla' kif ukoll bic-childrens allowance.

Imbaghad kien sab xoghol, izda kien iqatta' hafna hin barra mid-dar ma' shabu u kien jidhol id-dar fis-sakra, tant kien kecca lill-attrici u lil uliedu barra mid-dar. Ghal ewwel sitt xhur minn mindu telqu, il-konvenut kien ighaddilha manteniment fis-somma ta' €60 fil-gimgha sakemm hareg digriet b'ordni tal-Qorti.

L-attrici kkonfermat li bhala spejjes ghaz-zewgt itfal minuri ghandha €990 fix-xahar, spejjes tas-sahha u dawk edukattivi, flimkien ma' spejjes ohra - €2181.[2]

2. **Il-konvenut** ighid li meta kien iltaqa' mal-attrici kienu joqoghodu mal-genituri rispettivi taghhom. Kien biss fl-2002 li kien xtara post il-Hamrun u beda jirrangah peress li kellu bzonn hafna xogholijiet ghax kien post antik. Jispjega li hu kien ghamel xi xoghol, anke zijuh u missier l-attrici u ma kinux izommulu flus. Il-post kien xtrah ghall-valur ta' Lm15, 500 u missieru kien tah il-flus ghad-depozitu fl-ammont ta' Lm1,500 li spicca kienu nsterqu min-Nutar u kellu jerga' jhallashom. Kien tah ukoll Lm7,000 dakinhar tal-kuntratt u ghadu ma hallsux sa llum. Inoltre, kien ha self mill-bank fl-ammont ta' Lm10, 000.

Il-konvenut ikkonferma li jahdem bhala salesman fil-hanut MFF Industrial Supplies u jaqla' paga ta' €1005. Jikkonferma li naqas li jhallas ghall-ispejjes tal-psikologu li gie ordnat mill-Qorti li fil-fehma taghha hasset li kellhom bzonnu t-tfal u dan peress li ma setax jaffordja li ihallashom. Dak

[2] Ara affidavit tal-attrici.

iz-zmien ma kienx jaqla' iktar minn €800 u minnhom kien ihallas lill-attrici s-somma ta' €500, €101 loan, €33.40 Melita, inkluz l-ispejjes tad-dawl u ilma.

Illum jikkonferma li qed ihallas l-ammont ta' €400 bhala manteniment skond kif ordnat mill-Qorti u qed ihallas ukoll €100 fix-xahar li l-Qorti li ghandha jhallas b'lura u dawn ilu jhallashom ghal sentejn.

Jispjega u jghid li l-post fejn ighix huwa tieghu u ilhu ghandu xi sbatax-il sena. Ighid ukoll li qed ihallas il-loan ta' Lm10, 000, izda ma jistax jiftakar x'bilanc ghandu, izda jaf li kien qed ihallas cirka €137 fix-xahar u mbaghad kienu naqsuhomlu ghal €101. Izid ighid li l-loan kien hadu sabiex jixtri l-post u jirrangah.

Meta kellhom it-tfal ighid li kien ihallas ghall-halib u hrieqi, kif ukoll gieli marru jaghmlu xi xirijiet flimkien. Kien gieli jixtrilhom xi hwejjeg ukoll. Kien ihallas ghall-ispejjes tat-tabib peress li t-tfal kienu jimirdu ta' spiss. Kien anke ihallas il-licenzja u l-insurance tal-karozza tal-attrici, izda jammetti li dina kienet darba biss.

Dwar l-ispejjes tal-iskola, il-konvenut ighid li kien ighaddi l-flus lill-attrici meta tkun infurmata li sejra tixtrilhom li ghandhom bzonn. Meta marru fil-post kien ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, kif ukoll kien ighaddi €100 kull gimgha lill-attrici. Kien ihallas il-mizata tal-futbol, filwaqt li l-attrici kienet tixtrilu l-gear. L-attrici kienet gieli hadmet bhala helper ukoll.

Jikkonferma li fl-2011 kien xtara caravan ghall-valur ta' €1, 000 sabiex it-tfal kien joqoghodu hdejn il-bahar fil-vakanzi tas-sajf. Imbaghad f'Lulju, 2013, l-attrici kienet telqet. Jinnega li kienet telqitu ghax kien johrog u

jisker, izda kienet dejjem toffendih u kien ghalhekk li talabha biex titlaq. Meta telqet kienet hadet xi ghamara maghha ukoll.

Jinsisti li dejjem kien jibghatilha manteniment meta telqu lil xulxin. Kien ighaddilha ukoll nofs l-ispejjes edukattivi meta kienet titlobhomlu. Kien anke hallas nofs l-ispejjes ta' laptop li kienet xtrat ghat-tifel u jichad li ma baqax ihallas manteniment ghal sitt gimaghat. Kien jaf li l-attrici kienet qed tahdem bhala delivery person ma' pizzeria bla ktieb. Ghamel zmien fejn wegga' u ma setax jahdem u kien beda jghaddilha €60 minflok u ma kinitx ilmentat u xorta kien baqa' jhallasha nofs l-ispejjes edukattivi.

Maz-zmien l-attrici kienet waqfet tehodlu lit-tfal u kien iddecieda li jwaqqfilha l-manteniment u dan kien fl-2014. Il-Qorti kienet ikkonfermat li kellu jhallas l-ammont ta' €400 fix-xahar bhala manteniment u skond l-istess digriet kellu jhallas ukoll sena manteniment b'lura. Peress li ma kellux minn fejn, kien spicca l-habs, imbaghad kien lahaq ftehim maghha li jhallasha Lm2000 li gab mill-bejgh ta' mutur li kellu u €100 fix-xahar. Illum dawn l-arretrati thallsu kollha,

3. **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-partijiet. [3]

4. **Joanna Bartolo,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezentat kont wiehed f'isem l-attrici bin-numru 40025491858.[4]

[3] Ara Doks. JS 1 u JS 2
[4] Ara Doks. JB1

Ikkonfermat ukoll li kien inhareg cekk mill-kont savings ta' MN fis-17 ta' Marzu, 2003 (hemm data gdida 31 ta' Lulju, 2003) u dawn in kwantu jirrigwarda Lm7000.[5]

Ikkonfermat ukoll li kien hemm withdrawal ta' Lm1, 500 mill-kont ta' MN bin-numru 4001186411.[6]

5. Lorraine Attard, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li rrizultawlha zewg kontijiet bankarji f'isem l-attrici, it-tnejn kont savings, li llum jinsabu maghluqin.[7] Ipprezentat ukoll is-sanction letter mahruga fil-konfront tal-konvenut.[8]

6. Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, jikkonferma li l-beneficcji socjali li rcieva l-konvenut kienu tal-qghad ghall-perjodu bejn il-11 ta' Awissu sal-25 ta' Settembru, 2009.[9] Jikkonferma li l-attrici kienet tircievi l-pagamenti permezz ta' cekkijiet. Ighid ukoll li l-konvenut kien jircievi sickness benefit mid-Dipartiment bejn 2005 u 2014.[10]

Ikkonferma ukoll li l-attrici kienet qed tircievi beneficcji socjali bejn l-2002 u l-2019, kif ukoll tircievi c-childrens allowance.[11]

Ikkonferma ukoll li l-attrici kienet infurmathom bid-digriet mahrug mill-Qorti fl-24 ta' Jannar, 2017.[12]

---

[5] Ara Doks. JB 1 u JB 2
[6] Ara Dok. JB 2
[7] Ara Dok. LA 1 7.
[8] Ara Dok. LA 2
[9] Ara DOk. IC 1
[10] Ara Doks. IC 1 – IC 5
[11] Ara Doks. JC 2 u JC 3
[12] Ara Dok. JC 4

7. IJ, habib tal-konvenut peress li kienu jarmaw il-caravans hdejn xulxin bejn Mejju sa Settembru ta’ kull sena u kien sar jafhom bhala familja li kienu jghaddu l-hin flimkien. Meta sar jaf li l-partijiet kienu nfirdu kien jithassar il-konvenut ghaliex l-attrici kienet tigi hdejh biex tigbor il-manteniment, imbaghad ma kinitx thalli lit-tfal ikellmuh. Mis-sena 2017 ighid li ma rahomx iktar peress li beda jarma band’ohra.

8. KL, tghid li kienet taf il-partijet meta kienu jiehdu lit-tfal taghhom il-grawnd tal-futbol tal-Hamrun. Kienet tkun mal-attrici u man-nisa ohra. Kienet tara lill-konvenut ghax hafna drabi kien ikun hemm u dak iz-zmien diga’ kienu mifrudin.

Meta l-attrici kienet tara lill-konvenut hemm kienet tikkummenta li kienet qed tispera li kien gabilha l-manteniment. Tghid li hi kienet tinforma lill-konvenut bil-loghob tat-tfal, ghax l-attrici ma kinitx tghidlu, biex ma jmurx.

Tghid li llum l-attrici qiedgha f'relazzjoni mal-ex partner taghha u joqoghdu flimkien il-Kalkara. Kienu sa fejn taf, jahdmu flimkien ma' pizzeria msejha « Take Inn. »

9. MN missier il-konvenut ighid li kien sellef Lm10, 000 lill-konvenut ghall-post u ta' dan kien ghadu ma thallasx sa llum, izda l-konvenut mhuwiex f'qaghda finanzjarja li jhallas. Ighid li pero' l-konvenut huwa l-uniku wild tieghu u ried ighinu. Minnhom kien sellef Lm7, 000 lill-konvenut permezz ta' bank draft.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**PRESKRIZZJONI Art.2156(b) u 2156 (f) TAL-KODICI CIVILI**

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (b) u (f) tal-Kodici Civili. Dina l-Qorti ser tillimita ruhha biss ghall-Artikolu 2156(b) in kwantu dan huwa l-Artikolu li ghandu applikazzjoni ghall-kaz in kwistjoni fejn l-attrici qed titlob l-arretrati ta' manteniment minn meta twieldu t-tfal taghhom u li fis-7 ta' Dicembru, 2017 gew iddikjarati bhala ulied il-konvenut EF. Ghandu jigi ssottolineat ukoll li t-tifel C, fil-mori tal-kawza sar maggorenni, precisament fl-10 ta' Gunju 2002.

L-**Artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16** jipprovdi hekk:-

**2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

…. Omissis …

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;*

IKKUNSIDRAT

Bhala regola ġenerali tad-dritt, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, (Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili).

**Interruzzjoni tal-Preskrizzjoni**.

« In kwantu ghall-kawzi li jiksru l-preskrizzjoni, li huma rravvizati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 2127 *et seq*. tal-Kodici Civili, huwa assodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna li una volta jkun gie stabbilit t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-azzjoni u l-perkors taz-zmien statutorju, l-oneru tal-prova li tkun saret interuzzjoni tal-preskrizzjoni u b'liema mod saret l-interruzzjoni, ma jispetta lil hadd hlief lill-attur, u in mankanza ta' tali prova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi akkolta. Ma jidhirx mis-sottomissjonijiet li ghamlet l-attrici fir-rigward, li d-difiza taghha kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi msejsa fuq l-interruzzjoni tal-perkors taz-zmien minhabba xi hlas akkont tal-manteniment da parti tal-konvenut, u baqghet ma ressqet ebda prova konkreta fir-rigward,

ghalkemm mill-atti jirrizulta li f'xi zmien indeterminat il-konvenut kien ghamel xi pagamenti akkont tal-arretrati tal-manteniment.

Difatti l-Artikolu 2156(b) jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn originat, "***ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment.***" Naturalment bhal fil-kazijiet kollha fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni din tista' tigi kumbattuta b'success bil-prova ta' l-interruzzjoni taghha.

***"Provocata la prescrizione incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo` essere rigettata."*** (**Vol. XIX P I p 5**). Dan proprju ghaliex il-preskrizzjoni tohloq l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Dan unikament fuq id-dekors taz-zmien u l-inazzjoni tal-kreditur. Minbarra l-prova ta' l-interruzjoni l-attur ghandu wkoll ghad-disposizzjoni tieghu mizuri ohra effikaci bhas-sospensjoni, ir-rinunzja, jew, addirittura, li l-preskrizzjoni invokata mhix applikabbli. Ara fir-rigward id-decizjoni fl-imsmijiet "**Stuart G. Craig et –vs- George Mifsud et**", Appell, 27 ta' Marzu 1998 u r-rakkolta tas-sentenzi fiha kompendjata;

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**[13]:-

***"il-vera posizzjoni, f'kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilità, is-***

[13] Appell Civili 92/97 deciza fit-22 ta' Gunju 2005.

6 Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002.

***sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni." (Kollez. Vol. XXXVII PII p621)."***

**Sospensjoni tal-Preskrizzjoni**

**Artikolu 2123 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

***"Il-preskrizzjoni ma timxix -***

***(a) bejn ir-raġel u l-mara;***

***(b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;............"***

« Fis-sentenza **Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive C Kareem**[14], gie applikat l-artikolu appena citat fis-sens illi l-preskrizzjoni ma timxix *inter alia*, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri.

Ghalkemm jigi osservat li l-attrici lanqas tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-invokazzjoni tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikoli appena msemmija, il-Qorti tqis li fir-rigward ghandha tikkunsidra jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ iwasslux għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

Ġaladarba hija l-ligi stess li tipprovdi l-eccezzjoni kontra r-regola generali li d-dekors taz-zmien jestingwi l-azzjoni, il-Qorti ghandha s-setgha, anzi d-dmir, illi tqanqal u tapplika hija stess, anke in mankanza tal-oppozizzjoni espressa tal-parti attrici, il-pozizzjoni legali korretta meta din tigi

[14] Citaz. Nru. 533/2000 deciza 9 a' Dicembru, 2002.

riskontrata fil-provi akkwiziti fl-atti. Dan fuq l-iskorta tal-dottrina kostanti in materja li tirritjeni illi, minhabba n-natura odjuza tal-preskrizzjoni, dan l-istitut ghandu jigi applikat bl-iktar mod restrittiv u fil-kamp civili l-Qorti ma ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eccezzjoni b'mod generiku u minghajr qies tal-eccezzjonijiet ghar-regola dwar il-preskrizzjoni.[15] »

---

[15] **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine** (1 ta' Lulju 1997) Appell Civili

Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni hija relatata mal-istat taz-zwieg, u dment li dan ghadu jissussisti, tezisti bejn il-koppja relazzjoni li ma tippermettix li jibda jiddekorri z-zmien tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet reciproci. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis illi f'dawk il-kazijiet fejn, stabbilit it-terminu preskrittiv u l-perkors taz-zmien applikabbli in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda fejn ma tkunx giet invokata s-sospensjoni tal-perkors taz-zmien, hija ma ghandha ebda diskrezzjoni li tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minghajr ma tindaga hija stess minn meta l-allegata preskrizzjoni setghet bdiet tghaddi. Kif ritenut in propositu:-

*"Ghal dik li hija sospensjoni tal-preskrizzjoni nsibu li fis-sub-Titolu II tat-Titolu XXV tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-ligi telenka l-kazi meta preskrizzjoni hija sospiza billi ma timxix kontra l-assenti, l-wirt battal, bejn ir-ragel u l-mara, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri u kazi simili. Il-lista hija ezawrjenti u ma jidhirx, minn ebda provvedimenti fir-rigward, li l-legislatur halla xi poteri diskrezzjonali fil-gudikant."8*

Jinsab ulterjorment rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine**, illi:-

**"*ghalhekk la l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta' hames snin – anke kieku l-partijiet ma jghidu xejn – il-Qorti dejjem u f'kull kaz, trid tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tirrikorri u meta mhux awtorizzata mill-provi tal-pretensjoni li tistabbilixxi dik id-data, awtomatikament trid tichad l-eccezzjoni.*""[16]**

Ikkunsidrat

[16] AB vs CD 132/14 RGM deciza 31 ta' Mejju,. 2018

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut ghandu dover fondamentali tal-genitur li jipprovdi manteniment lil uliedu, liema manteniment jinkludi wkoll fih spejjez dovuti ghas-sahha u edukazzjoni. Il-Kodici Civili jiddefinixxi bil-mod segwenti dan l-obbligu tal-genitur, fl-**Artikolu 3B**:-

***(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

Imbaghad, fis-Sub-titolu II intitolat *"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet Bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa*", insibu l-**Artikolu 7** li jipprovdi hekk:-

***(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.***

**Artikolu 19**

***(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.***

***(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.***

**Artikolu 54**

… omissis …

***(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi***

***tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied …***

***…omissis …”***

***[sottolinejar tal-Qorti]***

Konformement mal-premess, il-Qorti tifhem illi, stabbilit li l-manteniment huwa dovut skont il-ligi lill-ulied, il-wild ghandu dritt azzjonabbli kontra l-genitur ghall-fornitura ta' manteniment, u fejn il-manteniment jikkonsisti, f'kaz ta' firda bejn il-genituri, fi hlas ghall-manteniment, il-wild ghandu dritt li jezercita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas.

Madanakollu, hawnhekk irid jittiehed qies tal-fatt illi ghalkemm hija l-attrici, omm l-ulied, li qed tezercita l-azzjoni ghall-hlas ghall-manteniment, dan qieghda taghmlu ghaliex skont l-Artikolu 781 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-minuri m'humiex kapaci li joqghodu wahedhom f'kawza bhala atturi jew bhala konvenuti. Izda l-ftehim bejn il-partijiet li r-ricevitur tal-manteniment dovut lill-ulied ghandha tkun l-attrici, fil-fehma tal-Qorti ma jibdel u jnaqqas xejn mill-fatt illi l-manteniment mitlub mill-attrici huwa dovut lill-ulied tal-partijiet bhala dritt moghti lilhom mil-ligi. Dan id-dritt huwa azzjonabbli mill-ulied fil-konfront tal-genitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni, u fil-kaz odjern huwa wkoll espressament moghti lill-attrici d-dritt ghall-azzjoni ghall-hlas tal-istess manteniment.

Madanakollu, kif gia` stabbilit, il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-minuri u l-genitur u lanqas bejn il-mizzewgin. Ghalhekk, irrispettivament minn liema ottika wiehed ihares lejn l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment u lejn d-dritt korrispondenti ghall-hlas tal-manteniment, jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni ghall-azzjoni ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment kontra l-konvenut, kemm bhala l-genitur ta' wliedu minuri obbligat ghall-manteniment taghhom, kif ukoll bhala l-attrici li ghandha d-dritt tircievi l-hlas ghan-nom ta' wliedha, hija sospiza u ma timxix.

« B'applikazzjoni tal-Artikolu 2126 tal-Kap 1610 il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal kull wiehed minn ulied il-partijiet kienet sospiza sakemm dak il-wild ghalaq l-eta` maggorenni. Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jaghlqu l-eta` maggorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut.

***"Il-preskrizzjoni mibdija u sospiza, tissokta timxi minnufih li tispicca r-raguni tas-sospensjoni taghha". »***[17]

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li fid-data meta giet intavolata l-azzjoni odjerna mill-attrici, cioe` fil-23 ta' Gunju 2015, l-ulied kienu ghadhom minuri u ghalhekk isegwu li meta nfethet din il-kawza, ulied il-partijiet kienu ghadhom minorenni, l-azzjoni attrici in kwantu tikkoncerna t-talba ghall-hlas ghall-manteniment dovut lilhom rispettivament, ma tistax titqies li hija preskritta ghaliex il-preskrizzjoni kienet ghadha lanqas bdiet miexja kontra l-minuri. Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-arretrati tal-manteniment dovut ghal Zeron qed tigi michuda.

In kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talbiet attrici fejn dawn jikkoncernaw il-manteniment dovut ghal bin il-partijiet, C, il-Qorti tqis illi l-preskrizzjoni kienet sospiza sakemm it-tifel ghalaq l-eta` maggorenni fl-10 ta' Gunju, 2020 u sakemm kien ghadu minorenni, l-attrici kellha d-dritt tagixxi gudizzjarment sabiex tesigi l-hlas tal-arretrati dovuti skont il-kuntratt mill-konvenut ghal ibnu.

---

[17] AB vs CD 132/14 RGM deciza fil-31 ta' Mejju, 2018.

Izda billi ghaddiet biss sena mid-data meta l-minuri ghalaq l-eta` maggorenni meta l-attrici fethet din il-kawza, it-talbiet taghha ghall-hlas tal-arretrati ghall-manteniment, talanqas dak il-manteniment dovut ghaz-zmien meta l-imsemmi tifel kien ghadu minuri u kien ghadu ghalhekk taht inkapacita` legali li joqghod in gudizzju, m'humiex preskritti lanqas fir-rigward ta' C.

Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda u ghandhom jigu applikati l-arretrati ta' manteniment mid-data minn meta twieldu. F'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll li l-attrici kkonfermat il-verzjoni tal-konvenut li minn meta t-tieni wild ghalaq sentejn kienu marru jghixu fil-post il-Hamrun u l-konvenut kien ighaddilha €100 fil-gimgha u kien ghamel zmien bla xoghol ghax kien wegga' u kien ighaddilha biss €60 fil-fil-gimgha, izda ma kinitx ilmentat. Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li l-konvenut kellu diversi impjiegi tul dawn is-snin u l-paga dejjem kienet tvarja bejn €800 u €900.

Konsiderando dan u tenut kont ukoll tal-fatt li hemm qbil li l-konvenut minn dejjem kien ihallas €400 fix-xahar u xi spejjes ghall-edukazzjoni, anke dawk extra kurrikulari, kif ukoll kien ikopri l-ispejjes ghall-utilitajiet kollha tad-dar u sahha ta' uliedu sas-sena 2014, meta l-konvenuta ammetta li kien waqaf li jikkontribwixxi ghall-alimenti ta' uliedu, peress li l-attrici ma kinitx qed thallih jara lil uliedu. Inoltre, dak iz-zmien ukoll, l-attrici kienet tahdem bhala helper xi kultant man-nies.

Ghaldaqstant, it-talba ghall-arretrati tal-manteniment ma jistghux ighoddu minn meta twieldu t-tfal tal-partijiet ghaliex jirrizulta li kien hemm pagamenti ghall-alimenti u l-attrici ma gabet xejn sabiex tirribatti dina l-verzjoni, anzi kkonfermat li kien hemm pagamenti hija stess. Hemm qbil

fil-verzjoni tal-konvenut li l-manteniment waqaf fl-2014, tant li l-attrici kellha tipprocedi bil-Qorti sabiex tinghata digriet u l-konvenut jigi ordnat ihallas ghall-manteniment ta' uliedu, fejn effettivament gie ordnat ihallas €400 fil-gimgha, u nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Oltre minn hekk, kien gie ordnat ihallas ukoll ghal xi arretrati, fejn l-istess konvenut ikkonferma ukoll li dawn gew saldati.

Ghalhekk, jirrizulta li minn dakinhar tad-digriet, il-konvenut ukoll dejjem onera l-obbligazzjonijiet tieghu. L-attrici ma ressqet ebda provi biex tikkonvinci lil dina l-Qorti, li oltre l-problemi u l-ostakoli li kien hemm u li gew issorvolati, ma hemmx lok ghall-arretrati.

**MANTENIMENT**

Jibqa' biex jigi deciz l-ammont ta' manteniment li hemm dovut ghat-tfal tal-partijiet. It-tifel C fil-mori tal-kawza sar maggorenni u fuq dikjarazzjoni tal-attrici stess, it-tifel jahdem u jikkontribwixxi ghall-ispejjes li tinkorri. Ghaldaqstant, dina l-Qorti tara li ma hemmx lok li l-konvenut jibqa' jhallas ghall-manteniment ta' ibnu sakemm jaghlaq 23 sena, meta dan diga' wera bic-car li m'ghandux interess li javvanza fl-istudji tieghu.

Jibqa' biex jigi kkwantifikat il-manteniment ghall-minuri D. L-attrici esebiet prospett fejn elenkat il-pretensjonijiet taghha u mir-rizultanzi processwali jirrizulta li infiq ghall-hajja ta' kuljum huwa cirka ta' €990 (s'intendi dan jinkludi ukoll l-ispejjez ghall-maggorenni C) u cirka €2181 ghaz-zewgt ulied bhala spejjes edukattivi u tas-sahha. Peress li C illum huwa maggorenni u jahdem, dawn l-ispejjez s'intendi gew mnaqqsa bin-nofs.

Ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ukoll li l-attrici tahdem bhala delivery ma' pizzerija, izda l-konvenut ma gabx provi dwar l-introju taghha u dan minhabba li afferma li kienet tahdem bla ktieb. Pero' lanqas l-attrici ma nnegat dan il-fatt u ghalhekk dina l-Qorti, fil-kalkolazzjonijiet taghha ghall-ammont ta' alimenti ser tiehu in konsiderazzjoni li jezistu ukoll mezzi minn naha tal-attrici. Il-konvenut ikkonferma li l-introjtu tieghu llum huwa ta' cirka €1,005 mal-MFF Industrial Supplies.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tosserva li fiz-zmien li l-partijiet kienu flimkien u meta l-introjtu tal-konvenut kien inqas, kien ihallas €400 fix-xahar ghall-uliedu, inkluz nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, kif ukoll spejjes extra kurrikulari, illum l-introjtu tieghu zdied b'cirka €200 u anke jekk wiehed mit-tfal huwa maggorenni issa, it-trapass taz-zmien u c-cirkostanzi tal-mezzi tal-konvenut jirrikjedu li l-manteniment jigi ffissat fl-ammont ta' €350 fix-xahar ghall-minuri D u dawn ghandhom jithallsu sakemm jaghlaq 18 jew jibda jahdem jew sakemm jaghlaq 23 sena jekk ikun qed jistudja full-time u dan skond liema wahda minnhom tavvera ruhha l-ewwel.

Oltre minn hekk l-ispejjez edukattivi, tas-sahha u dawk extra-kurrikulari ghandhom jinqasmu bin-nofs.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1, Tichad it-tielet talba attrici ghar-ragunijiet suesposti;

2.Tilqa' r-raba' talba in parte, in kwantu tordna li l-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri C fl-ammont ta' €350 fix-xahar, u dawn ghandhom jithallsu sakemm l-istess minuri jaghlaq l-eta' ta' 18-il sena jew jibda jahdem 'full time', jew sakemm jaghlaq 23 sena jekk ikun qed jistudja full-time u dan skond liema wahda minnhom tavvera ruhha l-ewwel. Ghandu jhallas ukoll ghan-nofs l-ispejjes edukattivi, inkluz dawk extra kurrikulari u tas-sahha.

3. Tilqa' il-hames talba attrici in parte u tordna li l-ammont ta' manteniment hekk ordnat ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**